MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Avviz Numru. 1148/1999/1

**Meridian Enterprises Co. Ltd**

**V**

**Kenneth Bartolo**

**Il-Qorti:-**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 1995 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ LM691.49 rapprezentanti din is-somma prezz ta xoghlijiet u *spare parts* ezegwiti u forniti lilu, fuq ordni tieghu stess mis-socjeta attrici, fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Lantra numru ta’ registrazzjoni DAM-364 skond *invoice* li kopja taghha giet annessa u markata bhala dokument A.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-tnejn ta’ Ottubru 1998 u bl-imghax legali mit-tnejn ta’ Jannar 1998 kontra l-konvenut li hu ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sebgha ta' Jannar 2000 fejn eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vettura Hyundai Lantra numru DAM-364 in kwistjoni tul is-sitt snin minn meta nxtrat gdida minghand is-socjeta attrici qatt ma hadmet skond normi accettabli.

2. Illi l-esponent issottometta diversi ilmenti bil-miktub rigward dawn il-problemi.

3. Illi l-vettura baqghet tiddetorja u l-operazzjoni ta' l-istess kompliet tmur lura.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi flimkien man-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut esebixxa numru ta' ittri, l-korrispondenza li ghaddiet bejnu u bejn is-socjeta UCIM Co. dwar il-vettura in dizamina u cioe l-Hyundai Lantra DAN-364.

Illi fis-seduta tal-erbatax ta' Jannar 2000, il-Qorti ghaddiet biex tinnomina espert tekniku fuq il-materja u ghal dan il-ghan innominat lil Engineer Joseph Caruana u fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2001 ghaddiet biex tinnomina lil Perit Legali Dr. Kathleen Zarb Adami sabiex tassiti lill Espert Tekniku Joseph Caruana fil-gbir tal-provi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2004 dehret Dr. Kathleen Zarb Adami u pprezentat u kkonfermat ir-rapport taghha u nhar it-tmienja w ghoxrin ta' April deher l-Engineer Joseph Caruana li ukoll halef li qeda l-inkarigu moghti lilu u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument PT.

Illi minn ezami tar-relazzjoni jirrizulta li l-konvenut **Kenneth Bartolo** xehed quddiem l-esperti nominati minn din il-Qorti diversament preseduta f'diversi seduti fosthom dik tal-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2002, tat-tlieta ta' Marzu

2003, tat-tlieta ta' Dicembru 2003 u tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004.

Huwa spjega li kien xtara l-vettura Hyundai Lantra numru ta' registrazzjoni DAM-361 f'Awissu 1991, u wara xi tmien xhur li kien xtraha u kien ghad ghandha biss 3,000 km registrati fuq l-arlogg taghha, il-magna taghha bdiet '*misfiring'*. Spjega li l-vettura kienet koperta b'garanzija ghal perijodu ta' tlett snin jew sakemm ikollha 10,000 km registrati fuq l-arlogg. Dan ghalhekk ha l-vettura ghand is-socjeta attrici u l-impjegati ta' din l-istess socjeta qalulu li kellha problemi fil-'*fuel injection system'* u ghalhekk il-vettura baqghet fil-garaxx ghat-tiswija.

In segwitu l-vettura dahlet fil-garaxx tas-socjeta attrici ghal sebgha u ghoxrin (27) darba tul iz-zmien ta' seba' snin li segwew sabiex tigi imsewwija izda dan nonostante l-vettura baqghet dejjem difettuza u l-problema ta' '*misfiring*' baqghet hemm.

Sussegwentement is-socjeta attrici ssugeriet li l-magna tal-vettura tinbidel u l-partijiet kontendenti f'din il-kawza ftehmu li l-ispejjes ghal dan ix-xoghol jinqasmu bejniethom. Fi Frar 1998 il-vettura ddahlet fil-garaxx biex tinbidlilha l-magna. Dan sar, pero immedjatament wara l-vettura kellha lista shiha ta' difetti. Huwa ghalhekk kiteb ittra lil din is-socjeta attrici li giet esebita bhala dokument 43 (fol.27/28). Il-problema originali tal- '*misfiring*' baqghet hemm u in oltre appena hareg il-vettura mill-garaxx sabha bla ilma u bla zejt.

Wara dan kollu huwa ddecida li jiehu l-vettura tieghu ghand *mechanic* ta' fiducja tieghu certu Francis Camilleri. Irrizulta li l-problema *tal- 'misfiring'* ma kienitx minhabba dak li ssuggeriet is-socjeta attrici izda minhabba ragunijiet ohra u fil-fatt skond il-*mechanic* Camilleri l-magna inbidlet ghal xejn. Huwa ghalhekk ha hafna ritratti u anke gibed *video* taz-zarmar tal-karozza fejn verament jirrisulta skond dan il-mechanic li x-xoghol li kien sar f'din il-vettura ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Huwa esebixxa zewg ricevuti mahruga mis-socjeta "*Auto Tech*" markati bhala dokumenti AT1 u AT2 li jindikaw l-ispejjez li huwa hareg

ghal darb'ohra in konnessjoni ma xoghol li sar fuq din l-istess vettura. Il-vettura pero dejjem baqghet fil-pussess tieghu.

**Frans Camilleri** xehed ukoll f'numru ta' seduti quddiem l-esperti nominati mill-Qorti u cioe nhar is-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2003, it-tlettax ta' Ottubru 2003 u l-hamsa ta' Novembru 2003 u qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' instructor tal-mechanics mad-dipartiment tal-edukazzjoni u li ghandu l-garage tieghu ukoll, u li ilu jahdem ta' mechanic ghal tnejn w erbghin sena. Iddeskriva fid-dettal dak li ghamel meta mar biex jindirizza l-problema li allegatament kellha ta' '*misfiring*' u '*leakage*' fiz-zejt. Qal li minnufih innota li kien hemm problema *fil-'high tension cables'* u fil-fatt xtara sett cables u biddilhomlha. Il-konvenut halsu ghax-xoghol li ghamel u sa fejn jaf hu l-vettura giet tahdem tajjeb.

Spjega li l-'*high tension cables'* li kellha kienu *faulty* fis-sens li l-*insulation* ma kienitx tajba u li z-zejt kien qed jillikja ghaliex sab ir-'*relief valve'* maqsum u fil-fehma tieghu dan inqasam ghaliex xi hadd ipprova jaqilghu minghajr ma kien jaf li kien hemm '*bolt*' tahtu. Spjega li l-blokka dehret gdida pero l-bicciet ta' madwarha ma nbidlux u ma setghax jaghti raguni ghaliex inbidlet il-blokka. Meta gie muri id-dokument HTC1 li huma l-'*cables*' dan ikkonferma li kienu dawk li qala mill-vettura in kwsitjoni u spjega li kellhom toqba zghira minn fejn il-kurrent kien qed jertja (*to earth*) mal-'*head'.*

Ulterjorment qal li huwa sar jaf il-konvenut l-ewwel darba minhabba din il-kwistjoni pero wara l-konvenut baqa' klijent tieghu. Qal li fil-fehma tieghu ma kienx hemm lok ghal bdil tal-blokka ghax dik ma kienitx il-kawza tal-problema u *ex admisses* ighid "*il-blokka m'ghandhiex x'taqsam ma kwistjoni ta' misfiring."*

**Emmanuel Micallef** impjegat mas-socjeta attrici xehed ukoll quddiem l-esperti nominati mill-Qorti nhar it-tletin ta' Mejju 2005. Qal ili huwa jokkupa l-kariga ta' '*Service Manager'* mas-socjeta attrici u li kien responsabli ghas-*servicing* tal-vetturi tas-socjeta attrici ghal dawn l-ahhar

hamsa w tletin sena. Qal illi jiftakar sew dan il-kaz tal-konvenut b'mod specjali ghaliex jiftakar il-konvenut jmur ighidlu li l-vettura kienet qed tahli hafna zejt. Qal li dan sehh xi sitt snin wara li l-konvenut ha l-vettura lura mill-garage. Huwa qal li ddecida li minhabba l-problema taz-zejt il-magna kellha tinqala u jgiblu magna gdida mill-fabbrika u din kienet ser tiswa xi elf u mitejn lira maltin (LM1,200) u bhala sinjal ta' '*goodwill*' iddecida li din l-ispiza tithallas nofs mill-konvenut u nofs mis-socjeta attrici (vide dokument EM 1).

In kontro-ezami pero dan ix-xhud accetta li l-vettura dahlet fil-garage tas-socjeta attrici sebgha u ghoxrin (27) darba pero fil-fehma tieghu mhux dejjem ghal problema ta' '*misfiring'* pero jista jkun li ghoxrin darba minn dawk id-drabi kien minhabba l-problema ta' '*misfiring'.* Ikkonfessa li ried ibiddel il-blokka tal-vettura minhabba l-problema ta' *'misfiring'.* Mistoqsi ghaliex ma biddilx il-'*high tension cables*' qal illi peress illi ghalih il-vettura ma kientix qed tismisfijerja ma hassx il-bzonn. Huwa ra l-video esebit f'dawn l-atti mehud mill-konvenut qabel ma sar ix-xoghol mill-*mechanic* Camilleri u qal dwar il-kwistjoni tal-*valve* miksur li dak ma kienx hekk meta ezamina l-vettura hu ghaliex kien ikun difficli ghalih li ma jarax haga bhal din u cioe li ma jarax *leakage* taz-zejt kif muri fil-video. Huwa kkonferma li l-kont tas-socjeta attrici dwar ix-xoghol maghmul minnu huwa dak esebit fl-atti mal-avviz dokument A.

**Joseph Mifsud** impjegat iehor tas-socjeta attrici xehed ukoll quddiem l-esperti nominati mill-Qorti nhar l-ghoxrin ta'Mejju 2005. Spjega illi meta l-vettura dahlet fil-garage skond il-'*job description card'* din il-vettura kellha problema li l-vettura kienet qed tahraq iz-zejt u mhux '*misfiring*' u ghalhekk huwa indirizza il-problema taz-zejt. Qal li s-'*short block'* tal-vettura nbidlet wara li l-konvenut beda jikkomplejnja fuq '*misfiring'.*

Qal illi sussegwentement is-sur Micallef baghtu biex jara din il-problema gdida ta' *'misfiring*' pero l-'*high tension cables*' ma rahomx. Ikkonferma ukoll li l-lista tad-difetti kif

indikati fuq id-dokument K3 (fol 27/28) huwa qatt ma kien raha.

Jghid ukoll illi huwa beda jahdem mas-socjeta attrici meta bidlu s-'*short block'* tal-vettura tal-konvenut. Dwar il-problema li kien hemm qabel hadd qatt ma qallu u cioe li l-vettura kienet dahlet fil-garaxx ghal sebgha u ghoxrin darba. Hadd qatt ma qallu fuq il-problema ta' '*misfiring'* u spjega li struzzjonijiet huwa jiehu biss minghand is-suprvisor tieghu. Qal li sa fejn jaf hu l-problema li kellha din il-vettura kienet fuq '*oil leakage' u* ma jafx li kien hemm problema ta' *'oil consumption.'*

Illi minn ezami tar-rapport tekniku jirrizulta li s-socjeta attrici ma irnexxilhiex issolvi l-problema li kien hemm fil-vettura minhabba nuqqas ta' kapacita teknika jew nuqqas ta' informazzjoni fuq il-mudell tal-magna in kwistjoni li biha setgha jsolvu d-difett darba ghal dejjem.

Il-Perit Legali ikkonkludiet fir-rapport taghha illi s-socjeta attrici m'ghandhiex tithallas tal-bdil tal-magna peress illi din saret ghal xejn, pero il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici ghas-spejjes inkorsi fit-tibdil tal-clutch u fil-*valves* u dan fl-ammont ta' LM258.21.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet jidher li l-kwistjoni principali bejniethom kienet jekk ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta attrici kienux skond is-sengha u l-arti u jekk ix-xogholijiet li saru kienux necessarji sabiex jindirizzaw il-problema li kellha l-vettura u dan peress illi l-vettura baqghet difettuza anke wara li harget mill-garaxx tas-socjeta attrici.

Jirrizulta bla dubbju u dan mix-xhieda tal-kontendenti kif ukoll minn ezami ta' l-iskambju ta' l-ittri li kien hemm bejn il-partijiet li l-konvenut xtaq li s-socjeta attrici ssolvilu l-problema li kellu fil-vettura u cioe dik ta' '*misfiring'* u '*oil leakage'* Huwa minnu li l-konvenut qabel li tinbidel il-magna pero dan ghamilha bl-isperanza li l-problema li kellu fil-vettura kienet ser tittranga u dan ghaliex is-socjeta

attrici kienet tal-fehma li b'tali bdil il-vettura ma kienx ser ikollha aktar problemi f'dan ir-rigward. Wiehed hawnhekk ma jistax jinsa li l-vettura dahlet fil-garage tas-socjeta attrici ghal xejn inqas minn sebgha u ghoxrin darba tul perjodu ta' sebgha snin meta l-vettura inxtrat gdida!

Illi s-socjeta attrici accettat li tbiddel il-magna u waslet ghal kompromess li l-ispiza tinqasam bejnha u l-konvenut. Minn dak li xehed pero ix-xhud Frans Camilleri u minn dak li jirrizulta mill-espert tekniku nominat mill-Qorti Joseph Caruana ma kienx hemm bzonn ghall-bdil tal-magna u li din saret ghal xejn ghaliex bl-ebda mod ma taffettwa l-problema li kellha l-vettura. Is-socjeta attrici messha indunat b'dan meta l-vettura giet ezaminata mill-*mechanics* taghha b'mod partikolari minn Emmanuel Micallef u Joseph Mifsud.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti s-socjeta attrici kienet ser idahhal l-konvenut fi spejjes inutili u ghalhekk zgur li m'ghandux x'jahti u zgur m'ghandux jigi kkundannat ihallas taghhom.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti fl-atti minn Emanuel Micallef fis-seduta tas-sitta ta' April 2005 b'mod partikolari mid-dokument EM 1 jirrizulta li s-socjeta attrici kellha tiehu is-somma ta' LM1,111.84 bhala total tal-ispejjes involuti in konnessjoni max-xoghol li sar fil-vettura in kwistjoni proprjeta tal-konvenut.

Illi mill-provi prodotti u anke minn dokument EM 1 jidher li s-socjeta attrici iddividiet din is-somma in kwantu ghal LM881.12 rapprezentanti l-ispiza involuta fit-tibdil tas-'*short engine'* u l-kumplament ta' LM230.72 rappresentanti spejjes adizzjonali in konnessjoni ma bdil ta' "*clutch u exhaust valves*." Illi naturalment is-somma ta' LM881.12 kellha tinqasam fin-nofs skond il-ftehim li kellha is-socjeta attrici mal-konvenut. B'hekk li s-socjeta attrici qed tippretendi minghand l-attur is-somma ta' LM671.49.

Il-Qorti rat il-konkluzjoni milhuqa mill-Espert tekniku u legali nominat mill-Qorti u tabbraccja l-konkluzjoni raggunta minnhom fis-sens illi l-konvenut ghandu jigi

kkundannat ihallas biss l-ispejjez inkorsi mis-socjeta attrici li ma kienux konnessi mal-bdil tal-magna fl-ammont ta' mitejn u tletin lira u tnejn u sebghin centezmu Maltin ( LM230.72.)

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut in kwantu tirreferi ghas-somma flus rapprezenanti il-bdil fil-magna, qeghda tichadha fir-rigward tal-ispejjes ancillari li saru mis-socjeta attrici fil-vettura tal-konvenut fl-ammont ta' LM230.72 u konsegwntement qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ridotta ta' mitejn u tletin lira u tnejn u sebghin centezmu (LM230.72).

L-ispejjez ghandhom jithalsu in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta attrici u ghar-rimanenti terz mill-konvenut, b'dan illi l-ispejjez ta' l-espert tekniku l-Inginier Joseph Caruana ghandhom ikunu a kariku eskluz tas-socjeta attrici.

Bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------